MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Numru. 1149/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Priscilla Caruana**

**vs**

**Martin Debono**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Martin Debono ta’ 40 sena, iben Anthony u Josephine nee’ Cassar, imwieled Pieta, nhar il-15 ta’ Novembru, 1970, u residenti nru. 17, Okella Agius, Triq Hal Qormi, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 519070(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Flimkien ma zewg persuni ohra, nhar l-14 t’Ottubru, 2011, f’xi hin bejn id-9.15a.m. u l-10.30a.m., mill-fond Romance, Triq Hal Resqun, Gudja:

1. Ikkommetta serq ta’ diversi oggetti, konsistenti f’gojjellerija u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar ghad-detriment tal-koppja Etienne u Ritianne Caruana u/jew ta’ xi persuna/i ohra;

2. Volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor; mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax il-Euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda iktar minn tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ai terminu ta’ l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema hsara saret ghad-dannu tal-koppja Etienne u Ritianne Caruana u/jew ta’ persuna/i ohra;

3. Garr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu, xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta, ta’ liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Wara li ga gie kkundannat f’Malta ghal-serq b’diversi sentenzi li saru definittivi nstab fil-pussess ta’ flus w oggetti ohra li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta’ kif kienu gew legittimament ghandu; w iktar, instabu ghandu ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta’ serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu dawn l-ghodod kienu jinsabu ghandu f’dak il-waqt;

5. Rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 1 ta’ Novembru 2012 (esebita a fol. 279 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 261, 262(1)(2), 263, 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 269(g), 276, 277(a)(b), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2), 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) Fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Jannar 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' konsiderazzjoni dwar piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li z-zewg persuni l-ohra involuti fir-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat fil-kawzi odjerni b'imputazzjonijiet identici nghataw piena ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta minn din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu tal-1 ta' Novembru 2012, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-

imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett(3) snin millum u taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u tikkundannah multa ta' mija u sittax-il ewro (€116).

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas terz ta' elfejn seba' mija u ghaxar ewro u tlieta u tmenin ewro centezmi (€2710.83) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes kollha nvoluti fl-Inkjesta Magisterjali.

Il-Qorti tordna lid-Direttur tal-Probation Services u Parole jigi notifikat b'kopja ta' din is-sentenza sabiex jinhatar il-kandidat idoneju ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------